

31992D0242

8.5.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 123/19

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**  
**ta' l-31 ta' Marzu 1992**  
**fl-oqsma tas-sigurtà tas-sistemi ta' l-informazzjoni**

(92/242/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>;

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi l-Komunità għandha bħala kompitu, permezz ta' l-istabbiliment ta' suq komuni u progressivament, bl-approssimazzjoni tal-politiki ekonomiċi ta' l-Istati Membri, li tippromovi f'kull parti tal-Komunità żvilupp għalenija ta' attivitajiet ekonomiċi, espansjoni kontinwa u bilanċjata, żieda fl-istabbiltà, mod aċċellerat li jgħolli l-livell ta' l-għixien u relazzjonijiet eqreb bejn l-Istati Membri;

Billi informazzjoni merfugħa, ipproċessata u trasmessa elettroniċament għandha parti li kulma tmur qiegħdha tikber fl-importanza fl-attivitajiet ekonomiċi u soċjali;

Billi l-wasla ta' komunikazzjoni globali effiċjenti u l-użu mxerred ta' utilizzazzjoni elettronika abbużiva fl-informazzjoni jemfasizza l-bżonn ta' protezzjoni adegwata;

Billi l-Parlament Ewropew enfażizza kemm-il darba l-importanza tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni fid-dibattiti u r-risoluzzjonijiet tiegħu;

Billi l-Kumitat Ekonomiku u Soċjal enfażizza l-bżonn li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni fil-forom ta' azzjoni tal-Komunità, partikolarment minħabba l-impatt tat-twerttiq tas-suq intern;

Billi forum ta' azzjoni fuq livelli nazzjonali, internazzjonali u tal-Komunità jipprovdu bażi tajba;

Billi hemm rabta soda bejn it-telekomunikazzjonijiet, it-teknoloġija ta' l-informazzjoni, l-istandardizzazzjoni, is-suq ta' l-informazzjoni u l-politiki ta' riċerka, żvilupp u teknoloġija (RDT), kif ukoll ix-xogħol li diġà sar f'dawn l-oqsma mill-Komunità;

Billi huwa xieraq li tassigura li l-ħiliet jiġu mifthiema permezz li wieħed jibni fuq xogħol li jeżisti fuq livell nazzjonali u

internazzjonali u bi promozzjoni ta' koperazzjoni bejn il-partijiet prinċipali konċernati; billi huwa għalhekk xieraq li tipproċedi fil-qafas ta' pjan t'azzjoni koerenti;

Billi l-kumplexsità tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni teħtieġ żvilupp fl-istrateġiji biex tagħmel possibbli l-moviment liberu ta' l-informazzjoni fis-suq uniku filwaqt li tassigura s-sigurtà ta' l-użu tas-sistemi ta' l-informazzjoni f'kull parti tal-Komunità;

Billi hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jieħu fl-kunsiderazzjoni tiegħu r-ristrizzjonijiet imposti mis-sigurtà u l-ordni pubblika;

Billi r-responsabilitajiet ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam jimplikaw approċċ miftiehem ibbażat fuq kollaborazzjoni fil-qrib ma' uffiċjali superjuri ta' l-Istati Membri;

Billi għandhom isiru disposizzjonijiet għal pjan ta' azzjoni għal perjodu inizjali ta' erbgħa u għoxrin xahar u għal twaqqif ta' Kumitat ta' Uffiċjali Superjuri b'mandat għal perjodu twil biex jagħti konsulenza lill-Kummissjoni fuq forum ta' azzjoni li għandhom jittieħdu fil-qasam tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni;

Billi ammont ta' ECU 12-il miljun huwa meqjus bħala neċessarju biex tiġi implimentata l-azzjoni għal perjodu inizjali ta' erbgħa u għoxrin xahar; billi għal 1992, fil-kuntest tal-perspettiva finanzjarja preżenti, l-ammont stimat neċessarju huwa ECU 2 miljuni;

Billi l-ammonti li għandhom jiġu allokati sabiex jiġi finanzjat il-programm għal perjodu ta' wara s-sena tal-budget 1992 ser jif-furmaw parti mill-qafas finanzjarju tal-Komunità li hemm bħalissa,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Azzjoni fil-qasam tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni hija hawnhekk adottata. Hija tinkludi:

- żvilupp ta' strateġiji ġenerali għas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni (pjan ta' azzjoni) għal perjodu inizjali ta' 24 xahar, u
- twaqqif ta' Grupp ta' Uffiċjali Superjuri b'mandat għal perjodu twil biex jagħti konsulenza lill-Kummissjoni fuq azzjoni li għandha tiġi meħudha fil-qasam tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa il-“Kumitat.”

<sup>(1)</sup> ĠU C 297, tal-5.11.1990, pg. 18.

<sup>(2)</sup> ĠU C 94, tat-13.3.1992.

<sup>(3)</sup> ĠU C 159, tas-17.6.1992, pg. 38.

### Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Kumitat sistematika-ment fuq kwistjonijiet relatati mas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni għall-attivitajiet varji mwettqin mill-Komunità, b'mod partikolari fuq it-tifsira ta' strateġiji u programmi tax-xogħol.
2. Il-pjan ta' azzjoni, hekk kif indikat fl-Anness, għandu jinkludi xogħol preparatorju fuq it-temi li ġejjin:
  - I. żvilupp ta' qafas strateġiku għas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni;
  - II. identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' utent u ta' dak li jipprovdi s-servizzi għas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni;
  - III. soluzzjonijiet għall-bżonnijiet immedjati u li jistgħu jinqalgħu matul iż-żmien ta' l-utenti, fornituri u dawk li jipprovdu servizz;
  - IV. żvilupp ta' speċifikazzjonijiet, standardizzazzjoni, valutazzjoni u ċertifikazzjoni fil-każ tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni;
  - V. żviluppi teknoloġiċi u operazzjonali fis-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni;
  - VI. provvedimenti ta' sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni.

### Artikolu 3

1. Il-fondi tal-Komunità stimati bħala bżonnjużi għall-esekuzzjoni ta' l-azzjoni jammontaw għal ECU 12-il miljun għall-perjodu inizjali, inklużi ECU 2 miljuni għall-1992 fil-perspettiva finanzjarja 1988-1992.

Għall-perjodu sussegwenti ta' applikazzjoni tal-programm, l-ammont għandu jiġi inkluż fil-qafas finanzjarju tal-Komunità fis-seħħ.

2. L-awtorità tal-*budget* għandha tistabbilixxi l-appropriazzjonijiet disponibbli għal kull sena finanzjarja, filwaqt li tikkunsidra l-prinċipji ta' ġestjoni sana msemija fl-Artikolu 2 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għal *budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

### Artikolu 4

Valutazzjoni tal-progress milhuk waqt il-perjodu inizjali għandu jitwettaq għall-Kummissjoni minn grupp ta' esperti indipendenti. Ir-rapport ta' dan il-grupp, flimkien ma' xi kummenti mill-Kummissjoni, għandu jiġi mogħti lil Parlament Ewropew u l-Kunsill.

### Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' l-azzjoni. Għandha tkun assistita minn kumitat ta' konsulenza kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Uniti u preseduta mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.
2. Il-pjan t'azzjoni għandu jkun implimentat skond l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2 u aġġornat fejn hemm bżonn. Għandu jsemmi l-għanijiet fid-dettall u l-modijiet ta' azzjonijiet li

għandhom isiru, u l-arranġamenti finanzjarji li għandhom isiru għalihom. Il-Kummissjoni għandha tagħmel sejħiet għal proposti abbażi tal-pjan t'azzjoni.

3. Il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi implimentat f'kollaborazzjoni fil-qrib ma' l-atturi tas-settur. Għandu jikkunsidra, jippromovi u jikkumplimenta l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni Ewropew u internazzjonali li qed isiru f'dan il-qasam.

### Artikolu 6

1. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 għandha tgħodd għal:
  - miżuri dwar politika tal-Komunità fil-qasam tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni;
2. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 għandha tgħodd:
  - għall-preparazzjoni u aġġornar tal-pjan t'azzjoni msemija fl-Artikolu 5;
  - għall-kontenut tas-sejħiet għal proposti, l-istima tal-proposti u l-ammont stimat tal-kontribuzzjoni tal-Komunità għal miżuri fejn dan l-ammont huwa iktar minn ECU 200 000;
  - għall-koperazzjoni f'kull attività taħt din id-Deċiżjoni ta' organizzazzjonijiet li m'humiex fil-Komunità;
  - għal arranġamenti għat-tixrid, protezzjoni u sfruttament tar-riżultati tal-miżuri;
  - għall-miżuri li għandhom jittieħdu biex tiġi valutata l-azzjoni.
3. Fejn l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Komunità għal miżuri huwa inqas minn, jew ekwivalenti għal, ECU 200 000, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Kumitat fuq il-miżuri li għandhom jittieħdu u tinforma lill-Kumitat bir-riżultat ta' l-istima tagħha.

### Artikolu 7

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz, fi żmien li l-President jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-każ, jekk ikun bżonnjuż billi jieħu vot.

L-opinjoni għandha tiġi rekordjata fil-minuti; barra dan, kull Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jitlob li jkollu l-posizzjoni tiegħu rekordjata fil-minuti.

Il-Kummissjoni għandha tieħu konsiderazzjoni kbira ta' l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat. Għandha tinforma lill-Kumitat bil-manjiera li biha l-opinjoni tiegħu ġiet ikkunsidrata.

### Artikolu 8

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz ftul ta' żmien stabbilit mill-President skond l-urġenza tal-kas. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza preskritta fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat

fil-każ tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri ġewwa l-Komunità għandhom jitwieżnu fil-manjiera dikjarata f'dan l-Artikolu. Il-President ma għandux jivvota.

Il-Kummissjoni għandu jadotta l-miżuri previsti jekk huma skond l-opinjoni tal-Kumitat.

Jekk il-miżuri previsti ma jaqblux ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk l-ebda oppinjoni ma ġiet mogħtija, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tissottometti lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, fl-iskandenza tal-perjodu ta' tliet xhur mid-data li hija ġiet riferuta il-Kunsill ma aġixxiex, il-miżuri proponuti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni, ħlief fejn il-Kunsill ħa deċiżjoni kontra dawn il-miżuri b'maġġoranza sempliċi.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Marzu 1992.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Vitor MARTINS

## ANNESS

## Sommarju ta' linji ta' azzjoni

## ORJENTAZZJONI GĦAL PJAN TA' AZZJONI FIL-QASAM TAS-SIGURTÀ TA' SISTEMI TA' L-INFORMAZZJONI

## DAĦLA

Il-pjan ta' azzjoni għandu jkollu bħala l-għan tiegħu l-iżviluppar ta' strateġiji ġenerali bl-oġettiv li jipprovdi lil utenti u produttori ta' informazzjoni merfugħa elettronikament, proċessata jew trasmessa protezzjoni xierqa ta' sistemi ta' informazzjoni kontra theddid mhux intenzjonati jew intenzjonati.

Il-pjan ta' azzjoni għandu jikkunsidra u jikkumplementa l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mxerrda mad-dinja kollha li qed isiru f'dan il-qasam.

Għandu jinkludi l-linji ta' azzjoni li ġejjin:

- żvilupp ta' qafas strateġiku għas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni;
- identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' utenti u ta' dak li jipprovdi s-servizz għas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni;
- soluzzjonijiet għall-bżonnijiet immedjati u li jistgħu jinqalgħu matul iż-żmien ta' l-utenti, fornituri u dawk li jipprovdu servizz;
- żvilupp ta' speċifikazzjonijiet, standardizzazzjoni, valutazzjoni u ċertifikazzjoni fil-każ tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni;
- żviluppi teknoloġiċi u operazzjonali fis-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni;
- provvediment ta' sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni.

Il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi implimentat mill-Kummissjoni, l'assoċjazzjoni fil-qrib ma' azzjonijiet relatati fl-Istati Membri u flimkien ma' azzjonijiet ta' riċerka u żviluppar relatati fil-Komunità.

## 1. Linja ta' azzjoni I - Żvilupp ta' qafas strateġiku għas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni

Dawn huma l-prerekwiżiti biex jiġu rikonċiljati interessi u bżonnijiet kemm fl-għamla ta' politika kif ukoll fl-iżviluppi industrijali.

### 1.1. Kwistjoni

### 1.3. Status u tendenzi

Sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni hija rikonoxxuta bħala kwalità li tinxtered u li hija bżonnjuża fis-soċjetà moderna. Servizzi ta' informazzjoni elektronika jeħtieġu infrastruttura ta' sigurezza fit-telekomunikazzjonijiet, sigurezza fil-*hard-* u *software* kif ukoll sigurezza fl-użu u fl-amministrazzjoni. Strateġija ġenerali, meta tikkunsidra l-aspetti kollha ta' sigurtà fis-sistemi ta' l-informazzjoni, hija meħtieġa li tiġi stabbilita, filwaqt li tevita approċċ li jsir fiit fiit. Kull strateġija għas-sigurtà ta' informazzjoni proċessata f'forma elektronika għandha tirrifletti x-xewqa ta' kull soċjetà biex topera effettivament fl-istess ħin tipproteġi lilha nnifisha f'dinja li qiegħda tinbidel malajr.

Is-sitwazzjoni hija karatterizzata minn kuxjenza, li kulma tmur qed tikber, dwar il-bżonn li wieħed jaġixxi. Madankollu, fin-nuqqas ta' inizzjattiva biex l-isforzi jiġu kordinati, jidher probabbli li l-isforzi mxerrdin f'setturi varji ser joħlqu sitwazzjoni li tkun *de facto* kontradittorja, b'hekk toħloq progressivament problemi legali, soċjali u ekonomiċi iktar serji.

### 1.2. Għan

### 1.4. Ħtiġijiet, għażliet u priyoritajiet

Qafas strateġikament orjentat għandu jiġi stabbilit biex jirrikonċilja oġettivi soċjali, ekonomiċi u politiċi ma' għażliet tekniċi, operazzjonali u leġislattivi għal Komunità f'kuntest internazzjonali. Il-bilanċ sensittiv bejn interessi, oġettivi u limitazzjonijiet għandhom jinsabu minn atturi tas-settur li jaħdmu flimkien fl-iżviluppar ta' perċezzjoni komuni u qafas strateġiku miftiehem.

Qafas hekk maqsum bejn il-partijiet ikollu bżonn jindirizza u jagħmel analiżi ta' riskju u amministrazzjoni ta' riskju dwar il-vulnerabbiltà ta' l-informazzjoni u servizzi relatati, allinjament ta' liġijiet u regolamenti assoċċjati ma' abbuż u użu ħażin ta' kompjuter u telekomunikazzjonijiet, infrastrutturi amministrattivi inklużi politiki tas-sigurtà, u kif dawn jistgħu jiġu implimentati effettivament minn industriji/dixxiplini varji, u interessi soċjail u tal-privatezza (eż. l-applikazzjoni ta' skemi ta' identifikazzjoni, awtentikazzjoni, nuqqas ta' rifjut u possibbilment ta' awtorizzazzjoni f'ambjent demokratiku).

Gwida ċara għandha tiġi provduta għall-iżvilupp ta' arkitetturi fiżiċi u loġiċi għad-distribuzzjoni ta' servizzi ta' informazzjoni li huma siguri, *standards*, linji gwida u definizzjonijiet għal prodotti ta' sigurtà u servizzi assikurati, piloti u prototipi biex jistabbilixxu l-vijabbiltà ta' strutturi amministrattivi varji, arkitetturi u *standards* relatati mal-bżonnijiet ta' setturi speċifiċi.

Kuxjenza ta' sigurtà trid tiġi kreata sabiex tinfluwenza l-attitudni ta' l-utenti lejn interess li kulma jmur qiegħed jikber dwar is-sigurtà fit-teknoloġija ta' l-informatika (IT).

## 2. Linja ta' azzjoni II – Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' utenti u ta' dak li jipprovdi servizz għas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni

### 2.1. Kwistjoni

Sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni hija l-prerekwiżit inerenti għall-integrità u għall-kredibilità ta' l-applikazzjonijiet kummerċjali, propjetà intellettuali u kunfidenzjalità. Dan inevitabbilmment iwasal għal bilanċ diffiċli u xi kultant għażliet, bejn rabta għal kummerċ ħieles u rabta għal sigurtà ta' privatezza u propjetà intellettuali. Dawn l-għażliet u kompromessi hemm bżonn li jkunu bbażati fuq apprezzament sħiħ tal-ħtiġijiet u l-impatt ta' għażliet possibbli sabiex is-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni tirrispondi għalihom.

Ħtiġijiet ta' l-utent jimplikaw il-funzjonalitajiet ta' sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni interdipendenti ma' aspetti teknoloġiċi, operazzjonali u regolatorji. Għaldaqstant, investigazzjoni sistematika ta' ħtiġijiet ta' sigurtà għal sistemi ta' l-informazzjoni tiffirma parti essenzjali ta' l-iżvilupp ta' miżuri xierqa u effettivi.

### 2.2. Għan

Biex tiġi stabbilita n-natura u l-karatteristiċi tal-ħtiġijiet ta' l-utenti u dawk li jipprovdu servizz u r-relazzjoni tagħhom mal-miżuri ta' sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni.

### 2.3. Status u tendenzi

Sa issa, l-ebda sforz miftiehem ma kien magħmul biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu u jinbidlu rapidament ta' l-atturi magħguri tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni. L-Istati Membri tal-Komunità identifikaw il-ħtiġijiet għall-armonizzazzjoni ta' l-attivitajiet nazzjonali (speċjalment tal-“Kriterji għall-valutazzjoni tas-sigurtà tat-Teknoloġija ta' l-Informatika (IT)”). Kriterji ta' valutazzjoni uniformi u regoli għal rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati ta' valutazzjoni huma ta' importanza kbira.

### 2.4. Ħtiġijiet, għażliet u priyoritajiet

Bħala bażi għal trattament konsistenti u trasparenti għall-bżonnijiet ġustifikati ta' l-atturi tas-settur, huwa meqjus bħala neċessarju li tiġi żviluppata klassifikazzjoni miftiehma ta' ħtiġijiet ta' l-utent u r-relazzjoni tagħha mal-provvediment ta' sigurtà f'sistemi ta' l-informazzjoni.

Huwa meqjus bħala importanti ukoll li jiġu identifikati ħtiġijiet għal leġislazzjoni, regolamenti u kodiċijiet ta' prattika fid-dawl ta' stima ta' tendenzi fil-karatteristiċi u teknoloġija ta' servizzi, li jiġu identifikati strateġiji alternattivi biex jintlaħqu l-għanijiet bi provvedimenti amministrattivi, ta' servizz, operazzjonali u tekniċi, u li jiġu stmati kemm huma effettivi, kemm huwa faċli għall-utent biex jużahom u l-ispiża ta' għażliet ta' sigurtà alternattiva u strateġiji għal sistemi ta' informazzjoni għall-utenti, dawk li jipprovdu servizz u operaturi.

## 3. Linja ta' azzjoni III – Soluzzjonijiet soluzzjonijiet għall-bżonnijiet immedjati u li jistgħu jinqalgħu matul iż-żmien ta' l-utenti, fornituri u dawk li jipprovdu servizz

### 3.1. Kwistjoni

Fil-preżent, huwa possibbli tipproteġi b'mod xieraq il-kompjuters minn aċċess mhux awtorizzat mid-dinja ta' barra permezz ta' “iżolament”, i.e. billi jiġu applikati miżuri konvenzjonali, organizzattivi u fiżiċi. Dan japplika ukoll għall-komunikazzjoni elettronika fi grupp magħluq ta' utenti li jaħdem f'network magħluq. Is-sitwazzjoni hija ferm differenti jekk l-informazzjoni hija maqsuma bejn gruppi ta' utenti jew skambjata permezz ta' network pubblika, jew ġeneralment aċċessibbli. La t-teknoloġija, terminali u servizzi u lanqas l-i *standards* u proċeduri relatati m'huma ġeneralment disponibbli biex jipprovdu sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni komparabbli f'dawn il-każijiet.

### 3.2. Għan

L-għan għandu jkun biex tipprovdi, fi żmien ta' avviż qasir, soluzzjonijiet li jistgħu jirrispondu għall-bżonnijiet l-iktar urġenti ta' l-utenti, dawk li jipprovdu servizz u fabbrikanti. Dan jinkludi l-użu ta' kriterji ta' valutazzjoni ta' sigurtà ta' l-IT komuni. Dawn għandhom ikunu meqjusin bħala miftuħin għall-ħtiġijiet u soluzzjonijiet futuri.

### 3.3. Status u tendenzi

Xi gruppi ta' utenti żviluppaw metodi ta' teknika u proċeduri għall-użu speċifiku tagħhom bħala risposta, partikolarment, għal bżonn ta' awtentikazzjoni, integrità u nuqqas ta' rifjut. In ġenerali, kards manjetiċi jew smart kards qegħdin jiġu użati. Xi wħud qegħdin jużaw metodi ta' teknika kriptografika xi ftit jew wisq sofistikati. Ta' spiss din implikat id-definizzjoni ta' “awtoritajiet” speċifiċi ta' grupp ta' utenti. Madankollu, huwa diffiċli tiġġeneralizza dawn il-metodi ta' teknika u metodi biex tissodisfa l-bżonnijiet ta' ambjent miftuħ.

ISO qiegħda taħdem fuq is-Sigurtà tas-Sistem ta' l-Informazzjoni OSI (ISO DIS 7498-2) u CCITT fil-kuntest ta' X400. Huwa wkoll possibbli tinserixxi segmenti ta' sigurtà fil-messaġġi. Awtentikazzjoni, integrità u nuqqas ta' rifjut qegħdin jiġu indirizzati bħala parti tal-messaġġi (EDIFACT) kif ukoll bħala parti ta' l-X400 MHS.

Fil-preżent, il-qafas legali ta' l- *Electronic Data Interchange* (EDI) għadu fl-istadju tat-tnissil. Il-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali ppubblikat regoli ta' kondotta għall-iskambju ta' data kummerċjali permezz ta' networks tat-telekomunikazzjonijiet.

Bosta pajjiżi (eż. il-Ġermanja, Franza, ir-Renju Unit u l-Istat Uniti) żviluppaw, jew qegħdin jiżviluppaw, kriterji biex jikkalkulaw il-kredibilità ta' l-IT u prodotti u sistemi tat-telekomunikazzjoni u l-proċeduri korrespondenti biex jiġu ġestiti dawn il-kalkoli. Dawn il-kriterji ġew ikkordinati mal-fabbrikanti nazzjonali u ser iwasslu għal numru li qiegħed dejjem jikber ta' prodotti li wieħed jista' jgħod f'għom u sistemi li jibdew minn prodotti sempliċi. It-twaqqif ta' organizzazzjonijiet nazzjonali li ser iġestu l-kalkoli u joffru ċertifikati ser jappoġġaw din it-tendenza.

Disposizzjoni għas-segretezza hija meqjusa ta' inqas importanza immedjata minn ħafna utenti. Madankollu, fil-futur, din is-sitwazzjoni x'aktarx tinbidel hekk kif servizzi ta' komunikazzjoni avvanzati u, partikolarment, servizzi mobbli, ikunu nxterdu ma' kullimkien.

### 3.4. *Ħtiġijiet, għażliet u prijoritajiet*

Huwa b'żonnjuż li jiġu żviluppatti kemm jista' jkun malajr proċeduri, *standards*, prodotti u għodda addattati biex jassiguraw sigurtà kemm f'sistemi ta' l-informazzjoni fis-sens strett tal-kelma (kompjuters, periferali) u f'networks ta' komunikazzjoni pubbliċi. Prijorità kbira għandha tingħata għall-awtentikazzjoni, integrità u nuqqas ta' rifjut. Proġett pilota għandu jiġi amministrat biex jistabbilixxi l-validità tas-soluzzjonijiet proposti. Soluzzjonijiet għall-b'żonnijiet ta' prijorità fuq EDI huma kkunsidrati fil-programm TEDIS fil-kontenut iktar ġenerali tal-pjan ta' azzjoni.

## 4. **Linja ta' azzjoni IV - Żvilupp ta' speċifikazzjonijiet, standardizzazzjoni, valutazzjoni u ċertifikazzjoni fil-każ tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni**

### 4.1. *Kwistjoni*

Ħtiġijiet għas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni jinxterdu kullimkien u fis-sens strett tal-kelma speċifikazzjonijiet u *standards* komuni huma kruċjali. In-nuqqas ta' *standards* u speċifikazzjonijiet mifthiema għas-sigurtà ta' l-IT jista' joħloq fruntiera maġġuri għall-avvanz ta' proċessi bbażati fuq informazzjoni u servizzi f'kull parti ta' l-ekonomija u s-soċjetà. Azzjonijiet huma wkoll mitluba li jaċċelleraw l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġija u *standards* f'bosta oqsma ta' networks tal-komunikazzjoni u tal-kompjuter relatati li huma ta' importanza kritika lil utenti, l-industrija u amministrazzjonijiet.

### 4.2. *Għan*

Sforzi huma meħtieġa biex jiġi provdut mezz li jkun jista' jappoġġa u jwettaq funzjonijiet speċifiċi ta' sigurtà f'oqsma ġenerali ta' OSI, ONP, ISDN/IBC u amministrazzjoni ta' netwrok. Relatati b'mod inerenti ma' standardizzazzjoni u speċifikazzjoni huma l-metodi ta' teknika u approċċi meħtieġa għal verifikazzjoni, li jinkludu ċertifikazzjoni li twassal għal rikonoxximent reċiproku. Fejn hu possibbli, soluzzjonijiet mifthiema internazzjonalment għandhom jiġu appoġġati. L-iżvilupp u l-użu ta' sistemi tal-kompjuter b'funzjonijiet ta' sigurtà għandhom ukoll jiġu mħeġġa.

### 4.3. *Status u tendenzi*

L-Istati Uniti, b'mod partikolari, ħadet inizzjattivi maġġuri biex tin-dirizza s-sigurtà tas-sistemi ta' l-informazzjoni. Fl-Ewropa s-suġġett huwa trattat fil-kuntest ta' IT u standardizzazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet fil-kuntest ta' ETSI u CEN/CENELEC fil-preparazzjoni tax-xogħol tas-CCITT u ISO f'dan il-qasam.

Minħabba interess li kull ma jmur qiegħed jikber, ix-xogħol ta' l-Istati Uniti qiegħed jiżdied rapidament u kemm il-bejjiegħa kif ukoll dawk li jipprovdu servizz qegħdin iżidu l-isforzi tagħhom f'dan il-qasam. Fl-Ewropa, Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit attivitajiet simili bdew indipendentament, imma sforz komuni li jikkorrispondu għal dak ta' l-Istati Uniti għadu qiegħed jevolvi bil-mod.

### 4.4. *Ħtiġijiet, għażliet u prijoritajiet*

Fis-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni, b'mod inerenti, hemm relazzjoni fil-qrib ħafna bejn aspetti regolatorji, operazzjonali, amministrattivi u tekniċi. Regolamenti għandhom b'żonn jiġu riflessi fi *standards*, u disposizzjonijiet għas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni għandhom b'żonn jaqblu, b'mod li jista' jiġi verifikat, ma' l-i *standards* u regolamenti. F'bosta aspetti, regolamenti jeh-tiegu speċifikazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-iskop konvenzjonali ta' l-istandardizzazzjoni, i.e. jinkludu kodiċi ta' Prattika. Ħtiġijiet għal *standards* u kodiċi ta' Prattika huma preżenti fl-oqsma kollha ta' sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni, u għandha ssir distinzjoni bejn il-ħtiġiet ta' protezzjoni li jikkorrispondu ma' l-għanijiet tas-sigurtà u xi wħud mill-ħtiġijiet tekniċi li jistgħu jiġu mogħtija lill-korpi ta' l-i *standards* kompetenti Ewropej (CEN/CENELEC/ETSI).

Speċifikazzjonijiet u *standards* iridu jkopru s-suġġetti ta' servizzi ta' sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni (awtentikazzjoni personali u ta' l-impriża, protokoll ta' nuqqas ta' rifjut, prova elettronika legalment aċċettata, kontroll ta' l-awtorizzazzjoni), is-servizzi ta' komunikazzjoni tagħhom (privatezza tal-komunikazzjoni tax-xbieha, vuċi mobbli tal-komunikazzjonijiet u privatezza ta' data, protezzjoni ta' data u ta' database tax-xbieha, sigurtà ta' servizzi integrati), il-komunikazzjoni u l-amministrazzjoni tas-sigurtà tagħhom (sistema pubblika/privata ta' telefon b'ħafna linji li jkollu karatteristiċi bażiċi u *intercom* għal operazzjoni libera ta' network, protezzjoni ta' l-amministrazzjoni tan-network, portezzjoni ta' dak li jipprovdi s-servizz) u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom (kriterji u livelli ta' assigurazzjoni, proċeduri li jiżguraw is-sigurtà għal sistemi ta' informazzjoni siguri.)

## 5. **Linja ta' azzjoni V - Żviluppi teknoloġiċi u operazzjonali fis-sigurtà tas-sistemi ta' l-informazzjoni**

### 5.1. *Kwistjoni*

Investigazzjoni sistematika u żvilupp tat-teknoloġija biex tippermetti soluzzjonijiet ekomikament vijabbli u li jaħdmu b'mod sodisfaċenti sa limitu ta' ħtiġijiet tal-preżent u tal-futur għas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni huma prirekwiżiti għall-iżvilupp tas-suq tas-servizzi u l-kompetittività ta' l-ekonomija ewropea in ġenerali.

Kull żvilupp teknoloġiku fis-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni ser ikollhom jinkludu kemm l-aspetti ta' sigurtà ta' kompjuters kif ukoll is-sigurtà tal-komunikazzjonijiet peress li l-biċċa l-kbira tas-sistemi tal-lum huma sistemi b'kompjuters imxerrda f'numru ta' lokazzjonijiet f'organizzazzjoni partikolari fejn kull kompjuer jis-sodisfa l-ħtiġijiet ta' kull lokazzjon, u aċċess għal dawn is-sistemi ssir permezz ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet.

5.2. *Għan*

Investigazzjoni sistematika u żvilupp tat-teknoloġija biex tippermetti soluzzjonijiet ekomikament vijabbli u li jaħdmu b'mod sodisfaċenti sa limitu ta' ħtiġijiet tal-preżent u tal-futur għas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni.

5.3. *Ħtiġijiet, għażliet u prijoritajiet*

Xogħol fuq sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni jkollhom bżonn jindirizzaw żvilupp u strateġiji ta' implimentazzjoni, teknoloġiji, u integrazzjoni u verifikazzjoni.

Ix-xogħol strateġiku R&D ikollu jkopri mudelli konċettwali għal sistemi siguri (siguri minn kompromessi, modifikazzjonijiet mhux awtorizzati u ċaħda li jingħata servizz), mudelli ta' ħtiġijiet funzjonali, mudelli ta' riskju u arkitetturi għas-sigurtà.

Ix-xogħol R&D li huwa teknoloġikament orjentat ikollu jinkludi awtentikazzjoni ta' l-utent u tal-messaġġ (eż. permezz ta' analiżi tal-vuċi u firem elettroniċi), *interfaces* tekniċi u protokoll għal qlib ta' data f'kond (*encryption*), mekkaniżmi li jikkontrollaw l-aċċess u metodi ta' implimentazzjoni għal sistemi ta' sigurtà li jistgħu jkunu pruvati.

Verifikazzjoni u validazzjoni tas-sigurtà tas-sistema teknika u l-applikazzjoni tagħha jkollhom jiġu investigati permezz ta' proġetti ta' integrazzjoni u verifikazzjoni.

Barra l-konsolidazzjoni u żvilupp ta' teknoloġija ta' sigurtà, numru ta' miżuri li jakkumpanjawhom huma meħtieġa li jikkonċernaw il-ħolqien, manutenzjoni u applikazzjoni ta' *standards* konsistenti, u l-validazzjoni u ċertifikazzjoni ta' IT prodotti tat-telekomunikazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-sigurtà tagħhom, li jinkludu validazzjoni u metodi ta' ċertifikazzjoni biex jiddisinjaw u jimplimentaw is-sistemi.

It-tielet Programm tal-Qafas tal-Komunità RDT għandu mnejn jiġi użat biex jinkoraġġixxi proġetti koperattivi fuq livelli prikkompetittivi u prinominattivi.

6. **Linja ta' Azzjoni VI – Provvediment ta' sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni**6.1. *Kwistjoni*

Il-funzjonijiet meħtieġa ser ikollhom bżonn ikunu inkorporati f'partijiet differenti tas-sistema ta' l-informazzjoni li jinkludu terminals/kompjuters, servizzi, amministrazzjoni ta' network għal strumenti kriptografiċi, smart kards, sistemi pubbliċi jew privati ta' telefon b'ħafna linji li jkollha karatteristiċi bażiċi u intercom eċċ. skond in-natura eżatta tal-karatteristiċi tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni. Uħud minn dawn mistennjin jiġu mqegħdin fil-*hardware* jew *software* provduti mill-bejjiegħa, filwaqt li oħrajn jistgħu jkunu parti minn kompjuters imxerrda f'numru ta' lokazzjonijiet f'organizzazzjoni partikolari fejn kull kompjuuter jis-sodisfa l-ħtiġijiet ta' kull lokazzjon (eż. smart kards) jew provduti minn organizzazzjoni speċjalizzata (eż. telefons b'ħafna linji li jkollhom karatteristiċi bażiċi u intercom li jistgħu jkunu pubbliċi jew privati).

Il-bieċa l-kbira tal-prodotti u servizzi tas-sigurtà huma mistennija li jiġu provduti mill-bejjiegħa, dawk li jipprovdu servizz jew operaturi. Għall-funzjonijiet speċifiċi, eż. il-provvediment ta' telefons b'ħafna linji li jkollom karatteristiċi bażiċi u intercom li jistgħu jkunu pubbliċi jew privati, awtrorizzazzjoni għal reviżjoni, jista' jkun hemm il-bżonn li jiġu identifikati u jitqabdu organizzazzjonijiet xierqa.

L-istess japplika għal ċertifikazzjoni, valutazzjoni u verifikazzjoni tal-kwalità ta' servizz li huma funzjonijiet li għandhom jiġu indirizzati minn organizzazzjonijiet indipendenti mill-interessi tal-bejjiegħa, ta' dawk li jipprovdu servizz jew operaturi. Dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jkunu privati, tal-gvern, jew liċenzjati mill-gvern biex iwettqu funzjonijiet delegati lilhom.

6.2. *Għan*

Sabiex jiġi faċilitat żvilupp għalenija tal-provvediment ta' sigurtà għal sistemi ta' l-informazzjoni fil-Komunità għal protezzjoni tal-pubbliku u ta' interessi kummerċjali, ser ikun meħtieġ li jiġi żvilupp approċċ konsistenti lejn dik li hija provvediment tas-sigurtà tiegħu. Fejn ser jiġu mqabdin organizzazzjonijiet indipendenti, il-funzjonijiet u l-kondizzjonijiet tagħhom hemm bżonn li jiġu stabbiliti u mifthiema u, fejn hemm bżonn, imqiegħda fil-qafas regolatorju. L-għan ikun li naslu għal tqassim ċar ta' responsabbiltajiet li jkunu stabbiliti u mifthiema bejn l-atturi differenti fuq livell tal-Komunità bħala prirekwizit għal rikonoxximent reċiproku.

6.3. *Status u tendenzi*

Fil-preżent, il-provvediment għal sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni hija organizzata sew għal oqsma speċifiċi biss u limitata li tindirizza l-ħtiġiet ta' dawn. L-organizzazzjoni fuq livell Ewropew hija l-bieċa l-kbira informali, u rikonoxximent reċiproku ta' verifikazzjoni u ċertifikazzjoni għadha ma ġietx stabbilita barra mill-gruppi magħluqin. Minħabba l-importanza li dejjem qiegħda tikber ta' sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni, il-bżonn li jiġi stabbilit approċċ konsistenti lejn il-provvediment ta' sigurtà għal sistemi ta' l-informazzjoni fl-Ewropa u internazzjonalment qiegħed isir urġenti.

6.4. *Ħtiġijiet, għażliet u prijoritajiet*

Minħabba n-numru ta' atturi differenti li huma kkonċernati u r-relazzjonijiet fil-qrib għal mistoqsijiet regolatorji u legiſlattivi, huwa partikolarment importanti li jkun hemm ftehim minn qabel fuq il-prinċipji li għandhom jirregolaw il-provvediment tas-sigurtà ta' sistemi ta' l-informazzjoni.

Waqt l-iżvilupp ta' approċċ konsistenti lejn din il-mistoqsija, wieħed ser ikollu bżonn jindirizza l-aspetti ta' identifikazzjoni u speċifikazzjoni tal-funzjonijiet li jeħtieġu, skond in-natura tagħhom stess, id-disponibilità ta' xi organizzazzjonijiet indipendenti (jew organizzazzjonijiet li jaħdmu flimkien). Dan jista' jinkludi funzjonijiet bħall-amministrazzjoni ta' sistema pubblika/privata ta' telefon b'ħafna linji li jkollu karatteristiċi bażiċi u intercom.

Barra dan, huwa meħtieġ li jiġu identifikati u speċifikati, fi stadju kmieni, il-funzjonijiet li hemm bżonn li jiġu fdati f'idejn organizzazzjonijiet indipendenti (jew organizzazzjonijiet li jaħdmu flimkien) fl-interess pubbliku. Dan jista' jinkludi, per eżempju, reviżjoni, ċertezza tal-kwalità, verifikazzjoni, ċertifikazzjoni u funzjonijiet simili.